Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri).

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 30/2014AE

**Audrey Paris [I.D. 255976M]**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta' Socjali**

L-Erbgha, 13 ta' Jannar 2016

Audrey Paris, illum appellata, kienet tircievi l-ghajnuna socjali sal-14 ta' Marzu 2014. B'decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali, illum appellant, l-ghajnuna socjali giet imwaqqfa wara li d-Dipartiment ghamel investigazzjoni u sar rapport mid-Direttorat tal-Frodi u Investigazzjonijiet kien. B'avviz datat 26 ta' Frar 2014 Paris giet infurmata li ma kinitx iktar intitolata ghal ghajnuna socjali ghaliex *"Id-Direttur mhux sodisfatt li qed tifforma familja ghal rasek, u/jew, li qed tabita fl-indirizz moghti minnek"*. L-appellata ressqet appell quddiem l-Arbitru a tenur tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318) fejn sostniet li wara li kienet isseparat minn ma' zewgha kienet marret tghix mal-genituri taghha ghaliex id-dar matrimonjali kienet proprjeta parafernali ta' zewgha. Ziedet li kienet ghada tabita fil-fond 11, Triq Bormla, Zabbar u cjoe' fid-dar tal-genituri taghha. B'decizjoni tal-5 ta' Novembru l-Arbitru kkonkluda li l-Bord *"huwa rinfaccjat b'verzjonijiet ta' xhieda li kollha huma kredibbli u ghandhom mis-sewwa. Illi fic-cirkostanzi, ghalhekk, ma tkunx qieghda ssir gustizzja mal-appellanta jekk dan il-Bord jistrieh fuq ix-xhieda tal-Ispettur, minkejja li x-xhieda tieghu kienet daqstant kredibbli daqs ix-xhieda mressqa mill-appellanta. Ghaldaqstant, u in vista tal-premess, l-Arbitru huwa tal-fehma li l-appell ghandu jigi milqugh u d-decizjoni tad-DSS ghandha tigi revokata".* Din l-istess decizjoni inghatat fil-konfront ta' tlett appelli bin-numri Ump238/14, Ump 239/14 u Ump 289/14 skont kif verbalizzat waqt is-seduta tal-11 ta' Gunju 2014.

Id-Direttur appella minn kull decizjoni. L-aggravju huma li (i) id-decizjoni ma fihiex motivazzjoni; (ii) l-arbitru ezercita d-diskrezzjoni tieghu manifestament hazin; (iii) ta nterpretazzjoni skorretta tal-ligi.

L-appellata wiegbet li (i) r-rapport ta' l-ispettorat tas-Sigurta' Socjali huwa bbazat fuq assunzjonijiet kemm fir-rigward tal-hwejjeg li nstabu tat-tfal kif ukoll tal-istess appellata; (ii) omm l-appellata offriet risposta ghal kull domanda illi saritilha; (iii) l-

arbitru mexa u uza d-diskrezzjoni tieghu bl-ahjar abbilita u fil-parametri permessi fil-ligi, liema diskrezzjoni m'ghandiex tkun ghalhekk sindakata min din l-Onorabbli Qorti tal-Appell.

Waqt is-seduta tat-12 ta' Marzu 2015[1] deheru l-partijiet assistiti u l-appell gie differit ghas-sentenza.

Dan l-appell huwa konness ma' zewg appelli ohra fl-istess ismijiet – Rik Nru 28/2014 u 29/2014 in kwantu l-vertenza f'dawk il-proceduri ukoll hija dwar jekk l-appellata u wliedja humiex residenti jew le fil-fond numru 11, Triq Bormla, Zabbar. Ir-rapport tal-ispetturi tad-Dipartiment kif ukoll ir-ritratti esibiti mill-istess spetturi u mill-appellata li saret referenza ghalihom fil-proceduri quddiem il-Bord jiffurmaw parti mill-atti tal-process Rik Nru 28/14.

**L-ewwel aggravju.**

L-appellant jilmenta li l-arbitru akkolja l-appell ta' Audrey Paris minghajr ma pprovda motivazzjoni adegwata ghall-konkluzjonijiet tieghu. Dwar dan il-Qrati ippronunzjaw ruhhom ripetutament. Il-kaz **Donna Ohayon vs Direttur tas-Sigurta' Socjali**[2] fost ohrajn issintesizza l-principji gurisprudenzjali rilevanti f'dan il-kuntest:

*"Illi gie deciz in materja:*

*'.....ghalkemm il-motivazzjoni hi ta' essenza f'kull gudikat, mhux necessarju li din tkun wahda bilfors elaborata, u tista', anzi, tkun wahda skematika, basta li minnha tkun tista' tigi individwata r-raguni li titqieghed abbazi tad-decizjoni. [Ara ad ezempju d-decizjoni fl-ismijiet "Joseph Mercieca -vs- Water Services Corporation", Appell Inferjuri, 7 ta' Frar, 2009.] Irid jinghad illi din l-espressjoni ta' fehma giet, sa recentement hafna, abbraccjata mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjali in re: "Frank P. Borg Limited -vs- Joseph Camilleri", 28 ta' Mejju,2010;*

*Ghandu jigi osservat illi f'dik l-istess sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta nghad ukoll illi "f'adempiment ta' l-obbligu tal-motivazzjoni l-gudikant mhux tenut li joqghod jaghmel apprezzament singolari tar-rizultanzi kollha processwali jew tal-punti kollha ta' dritt izda sufficjenti li hu jindika l-elementi li fuqhom ikun qieghed jiffonda d-decizjoni tieghu".*

*Maghdud dan, huwa dejjem opportun li jigi mfakkar ukoll il-principju bazilari li l-litigand ghandu jinghata raguni ghaliex il-meritu kien qed jigi deciz kif fil-fatt gie deciz.*

[1] Fol 22.

[2] Qorti tal-Appell Inferjuri fid-29 ta' Lulju 2015 App Nru 26/14.

*"Dan mhux biss biex tigi assigurata t-trasparenza tal-gudizzju imma ukoll biex tkun tista' tigi verifikata l-gustizzja tal-gudikat. Id-decizjoni kellha almenu tinvesti mertu tat-talbiet kif proposti u l-eccezzonijiet ghalihom" ("Kruger Limited -vs- Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud", Appell, 13 ta' Lulju 2001). Fil-fattispeci, allura, ghaliex il-gravam kien qed jigi michud.*

*Decizjoni din li kellha tkun appoggjata minn motivazzjoni adegwata li tipprovdi s-sodisfazzjoni minimu lill-appellanti ghaliex l-Arbitru jkun wasal ghal dak il-konvinciment tieghu; Ma ghandu qatt jintilef di vista illi s-sufficjenza u rrazzjonalita` tal-motivazzjoni timplika logikament ir-raffront bejn ir-raguni taddecizjoni u rrizultanzi probatorji. Ara f'dan is-sens id-decizjonijiet ta' din ilQorti flismijiet "Anthony Galdes Giappone -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali", 9 ta' Jannar, 2009 u "Mary Bonavia -vs- Diretur tas-Sigurta` Socjali", 30 ta' Jannar, 2009;"* [3]

Fl-isfond ta' dawn il-principji appena enuncjati, l-Qorti tosserva li fil-kaz odjern l-Arbitru qies li kemm ix-xhieda tal-Ispettur tad-Dipartiment kif ukoll ix-xhieda tal-appellanti Paris u ommha kienu kredibbli u attendibbli. L-arbitru rregistra n-nuqqas ta' qbil tieghu ma' parti zghira mix-xhieda tal-Ispettur tad-Dipartiment u ghadda biex ikkonkluda li ma tkunx qed issir gustizzja mal-appellanta jekk il-Bord jistrieh fuq ix-xhieda tal-Ispettur u pproceda billi laqa' l-appell ta' Audrey Paris.

Il-Qorti bla tlaqliq tghid li l-arbitru ftit li xejn ta' hjiel dwar ir-raguni li wasslitu biex jaghzel li jaghti aktar piz lil verzjoni ta' parti wahda minflok tal-parti l-ohra. Apparti x-xhieda rispettivi tal-partijiet, l-Arbitru jirreferi ghad-disponibilita' ta' omm l-appellanti li ssirilha spezzjoni fid-dar wara s-seduta u li gew esibiti minnha diversi ritratti biex turi l-abitazzjoni ta' bintha u wliedha fil-fond in kwistjoni. L-arbitru jirregistra wkoll b'mod skjett in-nuqqas ta' qbil tieghu ma' parti mix-xhieda tal-Ispettur tad-Dipartiment dwar il-hwejjeg tal-appellanti. Il-Qorti taghrbel dawn il-konstatazzjonijiet kollha flimkien fl-isfond ukoll tal-principju illi safejn hu guridikament possibbli, is-sentenza ghandha tkun salvata[4]. Ghalhekk fic-cirkostanzi tal-kaz odjern sejra tabbraccja l-istess konkluzjonijiet ta' din il-Qorti diversament preseduta f'kaz iehor u tikkonkludi li d-decizjoni tal-arbitru fil-kaz odjern *"anke jekk verament 'borderline', fil-kaz in specje hi sodisfatta illi l-motivazzjoni tad-decizjoni attakkata, anke jekk skematika u xotta, toffri dak il-minimu bastanti'*[5] *rikjest mir-regoli procedurali u d-disposizzjonijiet applikabbli tal-ligi/*"[6].

---

[3] 29 ta' April, 2015, Appell Civili Numru. 4/2014, **George Borg Vs Direttur tas-Sigurta Soċjali**, liema sentenza rreferiet għas-sentenza **Ronnie Gauci vs Direttur ghas-Sigurta Socjali** (App.Inf. 06/10/2010).

[4] **Anthony u Joan konjugi Scerri vs Anthony u Sylvie konjugi Cutajar et** Deciz mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-16 ta' Marzu 2005 (Rik 583/2002).

[5] **Scerri vs Cutajar** Ibid.

[6] Art.218 u 219 tal-Kap 12.

Dan l-aggravju qieghed ghalhekk jigi michud.

**It-tieni aggravju.**

L-appellant jilmenta wkoll li d-diskrezzjoni tal-Arbitru giet ezercitata manifestament hazin u dan meta njora l-provi skjaccanti migjuba mid-Direttur wara l-ispezzjoni li kienet saret fir-residenza in kwistjoni u ghadda minflok biex jilqa' l-verzjoni moghtija mill-appellata odjerna lil hinn mid-dettami tal-ligi. L-appellata minn naha l-ohra tishaq li l-apprezzament tal-provi huwa wiehed diskrezzjonali li jispetta lill-arbitru u li m'ghandux jigi disturbat sakemm ma jirrizultax manifestament irragonevoli.

Kif inhu risaput fil-gurisprudenza, *"hi karatteristika tal-kazijiet ta' din ix-xorta, hekk unikament bazati fuq il-fatti, illi dawn isegwu s-solitu perkors ta' stharrig u ta' gudizzju bil-mod infraskritt:-*

*1. Jikkompeti in primis lill-Arbitru li jinvestiga jekk id-Direttur ezercitax kif jixraq il-poter diskrezzjonali tieghu biex wasal ghad-decizjoni proprja;*

*2. Jispetta mbaghad lil din il-Qorti li taccerta u tassikura jekk minn naha tieghu l-Arbitru mexiex rite u recte fit-tfassil tad-decizjoni tieghu, u, allura, jekk kienux jezistu ragunijiet validi biex l-Arbitru jissostitwixxi d-diskrezzjoni tad-Direttur b'dik tieghu, favorevoli ghall-appellanti."*[7]

Ghal dak li jolqot il-provi f'materja ta' kunflitt ta' verzjonijiet mill-partijiet fil-proceduri, il-gwida ghall-gudikant fl-evalwazzjoni tal-provi mressqa hija –

*"1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*
*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur"*[8].

Il-Qorti tinnota li fil-kaz odjern l-arbitru accetta li l-verzjonijiet taz-zewg nahat kienu entrambi kredibbli u verosimili anke jekk konfliggenti ghall-ahhar. Fid-dawl tal-gurisprudenza appena citata l-Qorti sejra tezercita l-poter taghha li tiskrutinja l-ezercizzju t'evalwazzjoni li wettaq l-arbitru bil-ghan li tikkonkludi jekk l-uzu tad-diskrezzjoni tal-arbitru f'dan il-kaz kienx wiehed ragonevoli jew le. Dak li fil-fehma tal-Qorti kellu certament iqis l-arbitru huwa li *"fi kwestjoni ta' kredibilita` mill-*

[7] **Avon Theuma vs Direttur tas-Sigurta' Socjali** deciza mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fit-12 ta' Marzu 2010 (App Nru 17/2009).

[8] Sentenza tal-24 ta` Marzu 2004 fl-ismijiet `**Xuereb et vs Gauci et**` il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri.

*apprezzament tal-provi l-kriterju mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk dik l-ispjegazzjoni hijiex possibbli u minn lewn id-dinja fic-cirkustanzi zvarjati tal-hajja" ("***Joseph Borg et –vs- Joseph A. Bartolo***", Appell Inferjuri, 25 ta' Gunju, 1980).*

It-tezi tal-appellata Paris quddiem l-Arbitru kienet illi ghal snin shah minn wara li sseparat minn ma' zewgha, hija u t-tlett uliedha (binha Andrea dak iz-zmien ta' dsatax -il sena, bintha Jesloann dak iz-zmien ta' sbatax -il sena u binha Kayden dak iz-zmien ta' sitt snin) kienu jirrisjedu fil-fond 11, Triq Bormla, Zabbar. Id-dover tal-arbitru kien ghalhekk li jassikura li hija tiggustifika b'mod kredibbli n-nuqqasijiet riskontrati mill-Ispetturi tad-Dipartiment partikolarment <u>waqt</u> l-*ispot check* li saritilha.

Jigi rilevat immedjatament li huwa ferm evidenti li fix-xhieda u provi li tressqu mill-appellata odjerna quddiem l-Arbitru certament inghatat stampa li difficilment tirrispekkja ix-xenarju li nstab mill-Ispetturi tad-Dipartiment. Ghalhekk l-Arbitru kellu jaghti l-piz probatorju misthoqq kemm lil dawk il-konstatazzjonijiet misjuba *a tempo vergine* waqt l-ispezzjoni ghal gharrieda kif ukoll lir-risposti moghtija *a tempo vergine* minn omm l-appellata. Jirrizulta (ghax m'hemmx hjiel ta' dan fid-decizjoni appellata) li l-arbitru ftit li xejn ta mportanza lill-fatt li l-*ispot checks* huma ntizi li jissorprendu persuni fl-ambjent u fil-mod ta' ghixien gornaljier taghhom minghajr ma jaghti c-cans lil min jista' jkollu nteress li jiffabbrika xi preparazzjoni u/jew kambjamenti minn qabel fil-fond ghall-finijiet biss tal-ispezzjoni. Minflok jidher car li l-Arbitru pogga f'keffa wahda mhux biss ir-rizultanzi tal-ispezzjoni u r-risposti moghtija minn omm l-appellata lill-ispetturi izda anke x-xhieda u l-evidenza prezentata sussegwentement quddiemu mill-appellata u ommha u wasal ghall-konkluzjoni stramba u generika li kulhadd huwa kredibbli minghajr lanqas biss ma qies diversi diskrepanzi li emergew fil-kors tal-ispezzjoni u anke wara, liema evalwazzjoni kellha sservih biex jislet dak li seta' ragjonevolment jitqies verosimili u dak li mhux fil-kaz in dezamina:

i. Il-Qorti tibda biex tinnota li minn dak li rrizulta waqt l-ispezzjoni, il-ftit hwejjeg allegatament tat-tlett ulied tal-appellata murija minn ommha lill-ispetturi kienu jinsabu go erba' kaxxi zghar, liema kaxxi kienu stivati taht diversi oggetti ohra. Li jqanqal dubju dwar il-kredibilita' ta' dak li nghad lill-ispetturi minn omm l-appellata mhux daqstant 'il fatt li dawn il-kaxxi kienu jinsabu taht oggetti ohra – anke jekk *prima facie* dan jista' jitqies bhala prova li dawn kienu hwejjeg li twarrbu ghaliex ma kienux qeghdin jintuza aktar – imma 'l fatt li l-hwejjeg kienu pjuttost sajfin, b'laqta' maskili u ta' qisien li ma m'humiex kompatibbli mal-etajiet ta' ulied l-appellata. La l-appellata u ommha baqghu jinsistu li dawk biss kienu l-hwejjeg tat-tfal allura hija totalment assenti l-prova dwar il-lok fil-fond fejn kienu jinstabu l-hwejjeg tax-xitwa taghhom (tenut kont li l-ispezzjoni saret fl-eqqel tax-xitwa), fejn kienu sitwati l-hwejjeg tal-ulied subien ta' dsatax u sitt snin, u fejn kienu jinsabu l-hwejjeg ta' bint l-appellata ta' sbatax -il sena. Hija l-fehma ferma tal-Qorti ghalhekk li la omm l-appellata u lanqas l-appellata nfisha baqghu qatt u

f'ebda stadju ma taw spjegazzjoni plawsibbli dwar il-hwejjeg tat-tfal. Anke jekk fizikament l-ispetturi ma rawx it-tfal, difficilment jigi emmnut li hwejjeg ta' qies kompatibbli ma' persuna ta' circa hdax/tnax-il sena jistghu jitqiesu ugwalment adattati ghal tfal ta' etajiet ferm differenti minn xulxin kif kien il-kaz odjern. Il-prezenza ta' abbiljament idoneju f'fond huwa ndizju li jorbot lil tali persuna ma' abitazzjoni fih. Ghall-kuntrarju fil-kaz odjern, l-Qorti tirriskontra nuqqas lampanti fil-prova dwar dan l-aspett li minnu nnifsu jimpingi sew fuq il-kwistjoni in dezamina, u l-arbitru lanqas biss ghamel osservazzjoni wahda dwar dan.

L-istess konkluzjoni tislet il-Qorti dwar l-spjega moghtija ghar-rigward tal-hwejjeg tal-appellata nfisha fil-fond spezzjonat. Omm l-appellata ndikat li l-hwejjeg femminili li kienu jinsabu fil-fond kienu taghha u tal-appellata mhalltin flimkien. L-uniku kumment li jaghmel l-Arbitru dwar dawn il-hwejjeg huwa li l-istatura tal-appellantti u ommha hija simili u allura emmen li l-hwejjeg femminili fil-gwardarobba setghu kienu jappartjenu kemm lill-omm kif ukoll lil bint. Meqjusa wahedha din l-osservazzjoni taghmel sens anke ghax kien l-Arbitru li ra b'ghajnejh kemm lill-appellata u lil ommha. Pero' jigi nnutat ukoll li l-konstatazzjonijiet li ghamlu l-ispetturi ma kinux jolqtu biss lill-istatura imma anke l-istil tal-hwejjeg. Huwa pacifiku li hemm avarija sostanzjali bejn l-eta' tal-appellanti (38 sena) u dik ta' ommha (64 sena) u allura, anke mad-daqqa t'ghajn lejn ir-ritratt tal-hwejjeg fil-gwardarobba (Dok MP 4 – b'mod partikolari) huwa verosimili dak li gie konstatat mill-ispetturi li l-istil tal-hwejjeg m'humhiex kompatibbli ma' persuna govanili. Ghalkemm huwa koncess li din l-osservazzjoni wahedha m'hijiex bizzejjed biex tiddiskredita l-verzjoni ta' omm il-beneficjarja dwar il-hwejjeg ta' bintha, pero' meta mehuda fil-kuntest shih tal-kwadru li emerga dwar il-familja Paris, allura din ma tistax tigi skartata. Jigi nnutat li waqt ix-xhieda taghhom quddiem l-Arbitru la l-appellata u lanqas ommha ma taw spjegazzjoni ulterjuri dwar il-prezenza jew ahjar in-nuqqas ta' hwejjeg taghhom fil-fond in dezamina u ghalhekk il-konkluzjoni tal-Qorti f'dan ir-rigward hija li fic-cirkustanzi l-verzjoni tal-ispetturi tad-Dipartiment dwar il-hwejjeg ta' Audrey Paris u t-tlett uliedha hija ferm aktar kredibbli u verosimili.

ii. Ghal dak imbaghad li jirrigwarda l-irqad hija nverosimili ghall-ahhar it-tezi tal-appellata li hija u t-tlett uliedha jorqdu kuljum mal-art fuq tapit, partikolarment meta dan kien zmien ix-xitwa – Jannar. Ir-ritratti li l-appellata esibiet quddiem l-Arbitru, u allura ferm wara l-ispezzjoni, jaghtu sembjanza ferm differenti minn dak li nstab *a tempo vergine* waqt l-ispezzjoni. Il-Qorti xejn ma hi mpressjonata kif f'daqqa wahda titfacca fir-ritratti sodda ta' wiehed bis-saqqu miksi pulit bil-*quilt* u l-*cushions* u s-*soft-toy*[9], sufan intiz li juri li xi hadd jorqod fuqu[10] u finalment tapit kbir miksi bi gverta u mhaded[11]. Minn dawn ir-ritratti kollha jqumu almenu zewg mistoqsijiet ewlenin li fil-

[9] Ritratt esibit mill-appellata quddiem il-Bord Dok AP1.

[10] Dok AP2.

[11] Dok AP3.

fehma tal-Qorti jimpingu wkoll fuq il-kwezit dwar jekk l-appellata u wliedha kinux verament qeghdin jghixu f'dan il-fond – (a) jekk il-verzjoni tal-appellata u ommha hi li l-beneficjarja u t-tlett uliedha kienu kollha jorqdu mal-art fuq it-tapit, kif ir-ritratti jaghtu l-impressjoni li xi hadd qed jorqod fuq sodda, xi hadd fuq is-sufan u tnejn minn nies mal-art?; (b) jekk allura kien verament minnu li fil-mument tal-ispezzjoni kien jezisti dak l-ambjent ta' rqad muri fir-ritratt, fejn kienu waqt l-ispezzjoni din is-sodda, is-saqqu, l-*quilts* u l-imhaded? Bhalma r-rapport tal-ispetturi kien jikkontjeni diversi osservazzjonijiet pjuttost dettaljati zgur kien prattikament impossibbli li dettalji bhal dawn dwar is-sodda, *quilts* u l-imhaded jisfuggu l-ghajn investigattiva taz-zewg spetturi. Maghdud ma' dan tkompli tirrizulta ghalhekk altru milli inattendibbli l-verzjoni tal-appellata u ommha li kuljum sas-7am ta' filghodu l-appellata u t-tlett uliedha jkunu qamu, sbarazzaw dan kollu u johorgu kollha mid-dar. L-appellata quddiem il-Bord targumenta li huma kull filghodu jpoggu dawn l-affarijiet kollha go xi kamra tal-bejt, liema kamra l-ispetturi ma rawx. Dwar dan il-Qorti tqis li mad-daqqa t'ghajn ukoll il-garr darbtjen kuljum lejn u minn kamra fuq il-bejt ta' dawn l-affarijiet kollha jidher argument kemxejn inverosimili. Kontra dan l-argument jirrizulta mhux biss in-nuqqas ta' evidenza tal-ezistenza ta' din il-kamra fuq il-bejt b'dawn l-affariijiet fiha – haga li setghet facilment giet almenu evidenzjata b'ritratti mill-appellata – imma wkoll 'il fatt li minkejja l-isforzi kollha ta' omm l-appellata li tikkonvinci lill-ispetturi li bintha u n-neputijiet kienu jghixu maghhom, din ma ghamlitilhom ebda referenza ghal din il-kamra fuq il-bejt b'dawn l-affarijiet fiha. Anzi wiehed miz-zewg spetturi jikkonfermaw quddiem l-Arbitru[12] li huma nizzlu fedelment dak li rrizultalhom u li ntwera lilhom u li kieku omm il-beneficjarja riedet turihom xi haga ohra huma ma kinux ser joggezzjonaw. F'dan l-isfond ghalhekk hija wkoll meqjusa kredibbli c-cahda kategorika tal-ispettur (ghall-mistoqsija tad-difensur ta' Audrey Paris quddiem il-Bord) illi omm il-beneficjarja ppruvat turihom xi saqqu fil-kuritur.

iii. B'zieda ma' dan kollu l-Qorti zzid:-

(a) ir-residenza in kwistjoni fiha kamra tas-sodda wahda li fiha gie stabbilit u konfermat li jorqdu l-genituri tal-beneficjarja;

(b) minkejja li omm l-appellata odjerna xehdet quddiem l-Arbitru li dakinhar tal-ispezzjoni fil-kcina kellha t-tazzi u pakkett *cereal* li kienu ghadhom kif hadu t-tfal qabel ma hargu, minn dan ma kienet uriet xejn lill-ispetturi tant li fir-rapport taghhom indikaw li l-ispezzjoni fil-kcina *"ma rrendiet l-ebda forma ta' evidenza konkreta illi b'xi mod setghet taghtina xi tip ta' hjiel dwar il-prezenza tas-Sinjura Audrey Paris u/jew ta' uliedha f'din id-dar"* .

(c) dwar l-uniformi tal-wild iz-zghir ta' Audrey, ghalkemm huwa plawsibbli illi kif qalet ommha dan kellu uniformi wahda tax-xitwa, pero' zgur uniformi tas-sajf kellu x'imkien u allura li kieku din kienet merfugha fir-residenza in kwistjoni kienet tintwera lill-ispetturi.

[12] Seduta tal-11 ta' Gunju 2014.

(d) l-istess jinghad ghal gugarelli ta' dan il-wild. Waqt l-ispezzjoni ma jinstabu ebda gugarelli u n-nanna tghid li huwa jilghab bit-*tablet*, filwaqt li waqt ix-xhieda quddiem l-Abitru tghid ghall-ewwel darba li fid-dar kien hemm basket gugarelli. Huwa verosimili li tfal, anke ta' dik l-eta' jqattghu hin jilghabu bit-*tablet*. Pero hu nverosimili li tifel ta' dik l-eta' ma jkollu ebda gugarell.

(e) dwar iz-zewg ulied l-ohra li gew indikati minn nannithom bhala studenti tal-*Mcast* il-Qorti ma temminx li zewg *ring files* biss mitfugha f'vetrina kienu sufficjenti biex jindikaw l-abitazzjoni ta' dawn iz-zewg zaghzagh f'din ir-residenza meta huwa logiku u sens komun li edukazzjoni sa dak il-livell iggib necessarjament maghha ammont ta' kotba u materjal edukattiv iehor illi rrizulta kjarament assenti minn fuq il-post.

Dawn ir-rizultanzi kollha mehuda fit-totalita' taghhom kellhom ragonevolment iwasslu ghall-konkluzjoni certament opposta ghal dik tal-Bord. In vista ghalhekk tan-nuqqas manifest mill-arbitru ta' apprezzament koerenti mal-provi migjuba, din il-Qorti tqis li dan l-aggravju tal-appellant huwa fic-cirkostanzi partikolari gustifikat.

**<u>It-tielet aggravju.</u>**

L-appellant finalment jilmenta li l-Arbitru ta nterpretazzjoni skorretta tal-ligi, f'dan il-kaz l-artikolu 97(1)(b) tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap 318) li jpoggi l-oneru fuq il-beneficjarju li jinforma lid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali bi kwalunkwe tibdil fir-residenza li tkun precedentement giet ndikata minnu. Dan il-provvediment jistipula:

*"(1) Tkun kundizzjoni tal-jedd ta' xi persuna ghal beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna moghtija taht id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att li –*

*(b) tipproduci dawn ic-certifikati, dokumenti, informazzjoni u xiehda għall-fini li jiġi stabbilit il-jedd tagħha għal dak il-benefiċċju, pensjoni, allowance, għotja għal korriment jew għajnuna li d-Direttur jista', minn żmien għal żmien, jeħtieġ u għal dak il-għan tmur f'dak l-uffiċċju jew post kif id-Direttur jista' jistabbilixxi".*

Fis-sentenza **Julie Vassallo vs Direttur tas-Sigurta Socjali** tal-5 ta' Marzu 2010[13], din il-qorti kkummentat hekk dwar dan il-provvediment:

*"Guridikament apprezzata u interpretata ma jistax ikun hemm l-icken dubju illi d-disposizzjoni ghandha l-iskop li tinkulka fil-beneficjarju l-adempiment tad-doveri mistennija minnu, anke ghaliex tirrapprezenta l-metru ta' dak il-komportament li hu kellu jsegwi ghall-ghoti (jew tal-kontinwazzjoni taghha) ta' l-assistenza spettata minnu bl-applikazzjoni;*

[13] Imhallef P. Sciberras.

*B'mod mill-aktar evidenti l-kanoni tal-kondotta inkombenti fuq l-appellanti kienet in bazi ghall-imsemmija disposizzjoni dik li hi tirrispetta u tezegwixxi l-obbligazzjoni kollaterali taghha li tikkopera mad-Dipartiment u li tghaddilu l-informazzjoni u d dokumenti li talabha. F'dan ma hemm xejn gdid li ma nsibux ukoll f'rapporti obbligatorji ohra traccjati fil-ligi komuni, u b'mod partikolari, taht il-Kodici Civili. Imperanti l-komportament tal-korrettezza u tal-bwona fede, sija fl-interess proprju kif ukoll b'salvagwardja ghall-interessi tal-kontraenti l-iehor.* ***In-nuqqas ta' l osservanza ta' komportament bhal dan igib b'konsegwenza illi l-parti fi htija tista' ssib ruhha f'qaghda fejn id-dritt taghha ma jibqax aktar tutelat****. Mhux dan biss, ghax ukoll il-kondotta negattiva taghha tista' tkun soggett ta' sanzjoni.* ***F'dan il-kaz, kif hekk gara, li l-ghajnuna prevedenzjali ma tkomplix tigi prestata lilha****. Sa hawn allura l-appellanti ma tistax tlum lid-Direttur appellat li zamm lura milli jkompli jerogolha l-assistenza, ghaliex id-decizjoni tieghu kienet teknikament u legalment fondata"* (enfazi mizjuda).

Fl-applikazzjoni biex tinghata l-ghajnuna socjali jinghad li l-appellata kienet giet imwissja li kellha tgharraf lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali *"kull ghamla ta' tibdil fic-cirkostanzi kif dikjarat minni fuq din il-formola"*. A bazi tal-konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tat-tieni aggravju, hu evidenti li l-appellata ma tatx dan it-taghrif fir-rigward tar-residenza taghha, meta kellha obbligu tinforma lid-Dipartiment bil-bdil ta' residenza. Fic-cirkostanzi d-Direttur kien gustifikat li jwaqqaf l-ghajnuna (ara wkoll sentenza citata mill-istess appellant, **Mandy Delia vs Direttur tas-Sigurta Socjali** deciza minn din il-qorti fis-7 ta' Frar 2012).

Mill-provi gialadabra ma jirrizultax li l-appellata ghadha tat it-taghrif korrett, din il-qorti m'hijiex f'posizzjoni li taghti xi direttiva dwar jekk l-ghajnuna socjali ghandhiex terga' tibda tithallas.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-ewwel aggravju u tilqa' t-tieni u tielet aggravji tal-appell tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali. Ghaldaqstant thassar id-decizjoni tal-Arbitru tal-5 ta' Novembru 2014 u tikkonferma d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta Socjali tas-26 ta' Frar 2014. Bl-ispejjez kontra l-appellata.**

Anthony Ellul